



Brussell, 25 ta' April 2023
(OR. en)

8663/23

COH 40
FIN 468
SOC 266

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	25 ta' April 2023
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 7577/23	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 2/2023 mill-Qorti tal-Awdituri: L-adattament tar-regoli tal-politika ta' koeżjoni b'reazzjoni għall-COVID-19: Il-fondi jintużaw b'mod aktar flessibbli, iżda hija meħtieġa riflessjoni dwar il-politika ta' koeżjoni bħala għodda ta' reazzjoni għall-kriżijiet - Konklużjonijiet tal-Kunsill (25.04.2023)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 2/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "L-adattament tar-regoli tal-politika ta' koeżjoni b'reazzjoni għall-COVID-19: Il-fondi jintużaw b'mod aktar flessibbli, iżda hija meħtieġa riflessjoni dwar il-politika ta' koeżjoni bħala għodda ta' reazzjoni għall-kriżijiet", approvati mill-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) fit-3945 laqgħa tiegħu fil-25 ta' April 2023.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

dwar ir-Rapport Speċjali Nru 2/2023 "L-adattament tar-regoli tal-politika ta' koeżjoni b'reazzjoni għall-COVID-19: Il-fondi jintużaw b'mod aktar flessibbli, iżda hija meħtieġa riflessjoni dwar il-politika ta' koeżjoni bħala għodda ta' reazzjoni għall-kriżijiet"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

- (1) JILQA' B'SODISFAZZJON ir-Rapport Speċjali Nru 2/2023 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Qorti") u t-tweġibiet tal-Kummissjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Kummissjoni") dwar ir-Rapport;
- (2) JIRRIKONOXXI l-importanza tal-Inizjattivi ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus (CRII u CRII +) kif ukoll tar-riżorsi REACT-EU fil-mitigazzjoni tal-impatt tal-pandemija, b'mod partikolari fuq l-SMEs, fuq is-suq tax-xogħol kif ukoll fuq is-sistemi tal-kura tas-saħħa;
- (3) IFAKKAR fl-importanza tal-politika ta' koeżjoni fiż-żamma tal-oġettivi fit-tul għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, kif stabbilit mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE;
- (4) JINNOTA li l-awditu tal-qorti evalwa jekk il-Kummissjoni adattatx sew ir-regoli tal-politika ta' koeżjoni 2014-2020 permezz ta' CRII/CRII+ u REACT-EU biex tipprovdi flessibbiltà akbar lill-Istati Membri fl-użu tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19;

(5) JIEĦU NOTA tas-sejbiet tar-Rapport, b'mod partikolari li:

- L-Unjoni rreaġixxiet minnufih wara t-tifqigħa maġġuri tal-pandemija fl-2020 u adottat malajr ir-regoli għal aktar flessibbiltà skont il-politika ta' koeżjoni matul il-pandemija (CRII u CRII+), kif ukoll ir-regoli għal użu flessibbli, adatti skont il-ħtiġijiet ta' kull Stat Membru, tar-riżorsi addizzjonali minn REACT-EU;
- Il-Kummissjoni pprovdiet assistenza f'waqtha lill-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-miżuri ġodda introdotti, inkluż tnaqqis sinifikanti fiż-żmien meħtieġ biex jiġu pproċessati u approvati l-emendi tal-programm;
- Il-Kummissjoni ħadet passi biex tikseb bilanċ bejn il-flessibbiltajiet previsti għall-użu tal-fondi u l-ħtieġa li jiġi ssalvagwardat il-baġit tal-UE;
- Il-flessibbiltajiet u r-riżorsi addizzjonali wasslu għal riallokazzjoni sinifikanti mill-Istati Membri ta' finanzjament lejn il-kura tas-saħħa, l-appoġġ għan-negozji u l-impjiegi, iżda wasslu wkoll għal tnaqqis limitat fil-ffinanzjament lejn investimenti fl-ICT, l-enerġija u l-ambjent, l-inklużjoni u r-riċerka u l-innovazzjoni;
- Filwaqt li ż-żieda fir-rata ta' kofinanzjament tal-UE għenet biex jitnaqqas il-piż fuq il-baġits pubbliċi nazzjonali, ir-riżorsi addizzjonali minn REACT-EU li għandhom jintużaw sa tmiem l-2023 żiedu, fost fatturi oħra, mad-diffikultajiet tal-infiq u l-ammont ta' xogħol amministrattiv, u d-dewmien fil-bidu tal-perjodu 2021-2027;
- Hemm ir-riskju li l-użu ripetut tal-politika ta' koeżjoni biex tindirizza kriżijiet jista' jkollu impatt fuq l-għan strateġiku primarju tagħha li ssaħħa il-koeżjoni ekonomika u soċjali bejn ir-reġjuni Ewropej;

- (6) JIKKONDIVIDI l-opinjoni tal-Kummissjoni fit-tweġibiet tagħha għas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet inklużi fir-Rapport tal-Qorti, b'mod partikolari li:
- L-Istati Membri pprijoritizzaw b'mod korrett l-użu ta' strumenti għall-kriżi u għall-irkupru biex jiżguraw li l-operazzjonijiet affettwati ġew adattati għaċ-ċirkostanzi l-ġodda, ir-riżorsi diġà investiti ma ntilfux u l-Fondi għenu biex jiġi limitat l-impatt tal-pandemija fuq il-koeżjoni;
 - L-Istati Membri adottaw b'mod wiesa' s-sett ta' 32 indikatur mhux obbligatorju tal-COVID-19, u b'hekk għenu lill-awtoritajiet u lill-Kummissjoni jimmonitorjaw u jivvalutaw kif il-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni ntuża fil-kuntest tal-pandemija;
- (7) JIEĦU NOTA tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti u JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex:
- Tanalizza l-impatt tal-użu tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni b'reazzjoni għall-kriżijiet reċenti fuq l-oġettivi fit-tul tal-politika u tqis dik l-analiżi u s-sejbiet tal-Qorti għall-evalwazzjoni *ex post* tal-2014-2020, kif ukoll għat-tħejjija tal-qafas leġiżlattiv għall-politika ta' koeżjoni wara l-2027, kif xieraq;
 - Timmonitorja mill-qrib l-assorbiment ta' REACT-EU biex tipprovdi appoġġ li jiffoka fuq ir-riżultati fejn meħtieġ u, f'dak il-kuntest, tidentifika b'mod tempestiv programmi li qed jiltaqgħu ma' diffikultajiet ta' nfiq u taħdem mal-awtoritajiet tal-programm tal-Istati Membri biex timmassimizza l-potenzjal tar-riżorsi REACT-EU.
-